MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 1894/2001/1

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 14 ta' Dicembru 2001 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-konvenut irrenda ruhu hati versu l-attrici ta' sevizzi, xehha u mohqrija tant li l-hajja konjugali ta' bejniethom saret impossibbli *oltre* li z-zwieg ta' bejniethom tkisser irrimedjabbilment;

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili b'digriet ta' dik il-Qorti ta' l-4 ta' Dicembru 2001;

Illi ghalhekk, l-istess attrici talbet lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba htija jew htijiet imputabbli lill-konvenut u tawtorizza lill-attrici tghix separata minn zewgha;

2. Tillikwida u tiddividi skond kif jidhrilha din il-Qorti, l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

3. Tikkundanna lill-konvenut jassenja lill-attrici s-sehem lilha spettanti mill-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili (Digriet Numru: 1759/2001) kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 7 tal-process;

Rat il-verbal tat-12 ta' Marzu 2002;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, datata 10 ta' April 2002 a fol. 15 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi s-separazzjoni qed tintalab mill-mara pero` din ghandha tigi ddikajrata minhabba responsabbilitajiet taghha u cjoe` minhabba eccessi, sevizzji u abbandun da parti ta' l-istess A fil-konfront ta' zewgha.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 15 u 16;

Rat il-verbal tas-16 ta’ Mejju 2002 fejn inghata digriet ta’ l-affidavits ta’ l-attrici b’terminu ta’ erbghin (40) jum u gie nominat Dr. Vincent Galea bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat in-nota ta’ l-attrici tas-17 ta’ Gunju 2002 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess;

Rat in-nota tal-konvenut datata 24 ta’ Lulju 2002 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess;
Rat in-nota ta’ l-attrici datata 23 ta’ Awissu 2002 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess (a fol. 31) u ta’ Josephine Mallia, (a fol. 54);

Rat il-verbal tal-5 ta’ Novembru 2002 fejn il-Qorti ssostitwiet l-inkarigu ta’ l-Assistent Gudizzjarju f’dak ta’ Perit Legali;

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 15 ta’ Novembru 2002;

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 18 ta’ Novembru 2002 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit ta’ Marie Bernardette Fenech (a fol. 66);

Rat in-nota tal-konvenut tat-30 ta’ Dicembru 2003 fejn permezz taghha pprezenta affidavit ulterjuri tieghu (a fol. 71);

Rat in-nota tal-konvenut datata 16 ta’ Mejju 2003 fejn permezz taghha pprezenta affidavit ulterjuri tieghu (a fol. 106);

Rat in-nota ta’ l-attrici tat-8 ta’ Awissu 2003;

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-4 ta’ Novembru 2003 u tat-13 ta’ Jannar 2004;

Rat in-nota tal-konvenut tat-22 ta’ Jannar 2004;

Rat il-verbal tal-25 ta’ Frar 2004;

Rat il-verbal tal-25 ta’ Marzu 2004 fejn il-Perit Legali halef ir-rapport u l-Qorti tat il-fakolta` lill-partijiet li jipprezentaw nota ta’ l-osservazzjonijiet;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali;

Rat is-sottomissjonijiet tal-konvenut ta’ l-14 ta’ Mejju 2004;

Rat is-sottomissjonijiet ulterjuri tal-konvenut datati 26 ta’ Novembru 2004;

Rat il-verbal tat-22 ta’ Gunju 2004;

Rat in-nota ta’ l-attrici tat-2 ta’ Awissu 2004;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi l-attrici ghamlet din il-kawza ghaliex hija talbet li tigi ddikjarata s-separazzjoni personali minn zewgha minhabba sevizzi, xehha u mohqirija li minhabba f’hekk il-konvivenza bejniethom ma baqghetx iktar possibbi u minhabba f’hekk iz-zwieg bejn il-partjiet tkisser irremedjabbilment. Il-konvenut jghid li tali firda personali sehhet minhabba eccessi, sevizzi u abbandun.

Illi din il-Qorti rat ix-xhieda kollha prodotta, ir-rapport tal-perit legali u n-noti ta’ osservazjonijiet ta’ bejn il-partijiet u din il-Qorti u fl-ewwel lok jinghad li f’linja generali hija taghmel referenza ghal dak li inghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Elisa Thompson vs Edward Thompson”** moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ Mejju, 1925 u cjoe` li:-

"*perche il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e` necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingiurie gravi, ma qualunque di tale cause da sola basta,*

*perche` sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale*".

Illi hekk ukoll jinghad fis-sentenzi ripportati fil-volum **Vol. XLVI P II p 638** meta jinghad illi:-

*"hu bizzejjed li tikkonkorri wahda biss minnhom ghax din jekk pruvata hi bizzejjed biex tiggustifika t-talba ghas-separazzjoni" (**Vol. XLVI P II p 638**), "purche sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugali" (**Vol. XXVI P II p 110**);*

Illi fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **"Caterina Agius vs Benedict Agius"**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 1967 inghad illi:-
*"Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti ta' importanza minuri".*

*Inoltre*, kif qalet kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **"Giovanna Rosa Farrguia vs Salvatore Farrugia"** deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 1919:-

"*La prova consentita dall'articolo 577 del Codice di Procedura Civile (*illum Artikolu 565 tal-Kapitolu 12*) e` da accogliersi colla medesima cautela e cirospezione, dipendendo la sua efficacia principalmente dalle deduzioni che una sana critica, tenuto conto dell'interesse manifesto del deponente, puo` inferire dalla verosimiglianza del racconto, della corroborazione di quella prova e sopra tutto dal confronto della deposizione di ciascuno dei contendenti; ma e` pur vero che in casi simili alla fattispecie i fatti su cui puo` raggirarsi la deposizione del coniuge instante per la separazione personale dall'altro coniuge, si svolgono generalmente entro il segreto delle pareti domistiche ...*"

Illi *in vista* ta' dak li ghadu kif inghad, il-Qorti trid necessarjament tkun gwidata mill-provi prodotti quddiemha u taghtihom dak il-piz li hu normalment mistenni f'sitwazzjonijiet ta' din in-natura. Apprezzament

oggettiv u fattwali, mizurat mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari.

Illi jinghad ukoll, li ghalkemm din hija kawza ta' separazzjoni personali, xorta huma, u ghandhom ikunu applikabbli f'kazijiet bhal dawn principji legali civili bhal dawk dwar kredibilita` u verosomiljanza.

Illi fil-fatt jinsab ravvizat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Farrugia vs Farrugia"** deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1966 li:-

"*l-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant*".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"George Bugeja vs Joseph Meilak"** (P.A. (TM) deciza minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta fit-30 ta' Ottubru, 2003 inghad illi:-

"*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli*".

*In oltre*, fis-sentenza **"Farrugia vs Farrugia"** hawn fuq citata inghad illi:-

"*mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita li minhabba fih ma tkunx tista tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo*".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Aquilina vs Farrugia"** deciza minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta fit-28 ta' Gunju, 2001 inghad illi:-

"…… *fil-fatt huwa wkoll principju assodat fil-gurisprudenza taghna illi l-verosomiljanza hija forma ta' korroborazzjoni*".

Illi wkoll kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **"Maria Dolores Colombo proprio et nomine vs Christopher Colombo"** (P.A. (RCP) 30 ta' Novembru 2004) *"illi l-komportament tal-partijiet quddiem min ghandu jiddeciedi huwa fattur ukoll importanti sabiex wiehed jara jekk dak li xhud ikun qieghed jghid ghandux mis-sewwa jew le"* u dan huwa rifless f'diversi sentenzi ta' din il-Qorti kif presjeduta mhux l-inqas dik deciza llum stess fl-ismijiet **"Mary Rose Borg vs Mario Borg"** (P.A. (RCP) 24 ta' Frar 2004).

Illi wara li apprezzat dawn il-principji kollha u wara li ezaminat mill-gdid il-provi kollha prodotti din il-Qorti thoss li hija taqbel sostanzjalment mal-konkluzzjonijiet peritali fis-sens li l-attrici rnexxielha tipprova l-allegazzjonijiet taghha li kien l-istess konvenut zewgha li kien hati ghal din il-firda personali bjn il-partijiet u dan minhabba li kien hati fil-konfront taghha ta' sevizzi ta' mohqrija, u dan l-iktar dovut ghall-mod indifferenti u bla emozzjoni li l-istess konvenut kien jittratta lill-attrici u dan huwa manifestat minn dak li sostna l-istess perit legali a fol. 35 sa l-ewwel zewg parafgrafi a fol. 37 tar-relazzjoni (fol. 191 sa fol. 193 tal-process) u dan jista' jigi kkonsidrat ukoll bhala forma ta' kattiverja li l-istess konvenut kien ura u uza *verso* l-attrici, azzjonijiet li meta jittihiehdu flimkien u fil-kuntest ta' kuljum ifissru tbatija ghall-persuna li tkun suggetta ghaliha.

Illi ghalhekk dan l-agir tal-konvenut kien fit-termini indikati fis-sentenza fl-ismijiet **"Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud"** (A.C. 21 ta' Frar 1969) kien wiehed persisteni u

kontinwu u certament ma jistax jinghad li kien konsistenti f'atti isolati. Huwa proprju dan li rrenda l-hajja ta' l-attrici mal-konvenut insopprortabbli u kien ghalhekk li meta hija telqet mid-dar hija kellha raguni valida sabiex taghmel dan, stanteli kienet ilha tircievi l-istess trattament kwazi tul il-hajja mizzewga taghha.

Illi fil-fatt huwa tajjeb li wiehed jirreferi ghas-sentenza citatat mill-bravu perit legali fil-kawza fl-ismijiet **"Marianna Attard vs Achille Attard"** (P.A. 16 ta' Dicembru 1932 – Vol. XXVIII.ii.p298 fejn inghad illi:-

*"Un contegno di indifferenz persistente da parte di un coniuge verso l-altro costituisce una sevizia morale."*

Illi din il-Qorti pero` a kuntrarju ta' dak li sostna l-perit legali thoss li gie ippruvat li wahda mir-ragunijiet li wasslet din il-koppja sabiex tissepparra u li ghaliha kien jahti l-konvenut kien proprju ix-xehha esegerata tieghu fejn jidher car li kull ma kien isir fl-istess dar kien evalutat minnu f'termini ta' flus, fejn kien mohhu sabiex jevita l-ispejjez u sabiex igemma. Li tkun bil-ghaqal ma jfissirx li tkun ossessjonat f'li ggemma l-flus, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti thoss li dak li gie ppruvat mix-xhieda prodotta quddiem din il-Qorti kien li l-istess konvenut kien verament xhih ma' l-attrici u dan kien li kkondizjona z-zwieg taghhom u wkoll il-komportament ta' l-attrici li *in verita* fl-ahhar minn l-ahhar ma kellhiex xelta hlief li tohrog tahdem sabiex takkwista ftit ta' ndipendenza anke finanzjarja mill-konvenut li kien intenzjonat li jikkontrolla kull nefqa li hija taghmel. Il-perit legali jirreferi ghal din l-estremita' tal-konvenuta bhala li l-istess konvenut kien bniedem perfezzjonist, *"ma tantx kien ihobb jahli u jibza ghal flus".* Din hija deskrizzjoni skorretta u mhux adatta ghall-kaz in kwistjoni *stante* li fil-fatt il-provi prodotti juri li l-istess konvenut kien estremament xhih, u kien jipprova jikkontrolla kontinwament lill-attrici f'kull nefqa li taghmel, sahanistra anke ta' dak li hija kienet personalment giet kostretta sabiex tahdem ghalih. Fuq kollox l-assi sostanzjali tal-partijiet ma kienux jiggustfikaw tali estremita' b'dannu anke ghas-sahha anke emozjonali tal-partijiet infushom.

Illi f'dan il-kuntest tajjeb li wiehed izomm f'mohhu dak li gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **"Tanya Montesin proprio et nomine vs Emmanuel Montesin"** (P.A. (RCP) 27 ta' Novembru 2003 fejn inghad li diversi sentenzi ohra tal-Qrati fosthom **"Speranza Salerno vs Giuseppe Salerno"** (Vol. XXVIII F p.441) – Onorevoli Imhallef L.A. Camilleri LL.D., sentenza tat-30 ta' Gunju 1933 gie infatti ritenut:-

*"…… che l-avarizia quando e portata agli eccessi puo essere cagione di continue ad incessanti molestie e sevizie da rendere insopportabile la convivenza coniugale".*

Ill ukoll fis-sentenza **"Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello"** tat-12 ta` Novembru 1999 (VDG – P.A.) jinghad illi *"fil-fehma tal-Qorti il-fatt li r-ragel icahhad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xhih maghha f`dan ir-rigward b`mod li jwassalha biex tirrikorri ghal ghand il-familjari taghha ghall-flus jew ghal stratagemmi bhal ma jidher li wettqet l-attrici jammonta ghal eccessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodici Civili"*.

Illi din il-Qorti fil-fatt hija ta' l-opinjoni li l-istess attrici ppruvat li l-istess konvenut kien ossessjonat sabiex igemma, b'dan li kien il-hin kollu fuqha sabiex hija ma tonfoqx, u wkoll sabiex tahgtih spjegazzjoni ta' x'ammonti kienet nefqet, fejn kemm il-darba kien isaqsiha sabiex izomm l-ircevuti. Kien minhabba f'hekk li kmieni fiz-zwieg l-istess attrici kienet kostretta tmur tahdem l-ewwel *part-time* u wara *full time* ghaliex altrimenti kien impossibbli ghaliha li tkun tista' thallas kemm ghall-bzonnijiet taghha u hafna drabi ghal dak ta' binha minghajr ma tiffacja lill-konvenut li kien dejjem joggezzjona ghal kull spiza.

Illi fil-fatt mill-provi prodotti hemm diversi ezempji tul il-konvivenza ta' bejn il-partijiet li juru li l-istess konvenut kien tassew xhih ma' martu inkluz li huwa kien jaghtiha flus ghall-ikel biss, kien jitlob ricevuti, kien jipprettendi li l-attrici tghaddi b'sommom mizeri ta' manteniment, kien tant iebes fil-flus li l-attrici ma kellhiex xelta ohra hlief tohrog

tahdem, u dan minkejja li huwa gemma' ammont kbir ta' flus kif jirrizulta mill-atti processwali. Meta l-istess attrici waqfet tahdem ma kienx lest li jghinha ghaliex qalilha li kienet faddlet meta hadmet u diversi ezempji ohra, anke dawk indikati mill-istess attrici fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghha.

Illi dan juri li l-istess konvenut kien verament iebes ma' l-attrici u l-fatt li l-istess konvenut stqarr li huwa sar jaf b'dak li kienet thoss l-attrici biss waqt il-kawza tkompli tikkonferma b'liema mod kien indifferenti ghal kollox lejn dak li thoss l-attrici, u certament din ma hijex kwistjoni ta' incident izolat izda stil ta' hajja permanenti li kontinwament adotta l-konvenut fil-konfront ta' l-attrici, li meta ma felhitx iktar kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-ewwel talba attrici giet ippruvata u ghandha tigi milqugha u dan ghar-ragunijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut.

Illi dwar il-qsim tal-komunjoni ta' l-akkwisti din il-Qorti wara li rat ir-rapport peritali u wara li hadet in konsiderazzjoni dak sottomess mill-partijiet fin-nota ta' l-osservazjonijiet taghhom tiddividi u tassenja l-istess komunjoni ta' l-akkwisti bil-mod segwenti:-

Illi din il-Qorti tassenja lill-attrici bhala sehma mill-komunjoni ta' l-akkwisti tiehu s-segwenti:-

(a) Nofs kull ammont li hemm mizmum fil-kont man-*National Savings – Capital Bonds* – Numru 20265573 li fid-9 ta' Gunju 2003 kien fih stg. 151,104.25;

(b) L-ammont kollu ezistenti fil-kont man-*National Savings* Numru TB702700 li kien fih zgur stg 25,000;

(c) Kull ammont depozitat fil-kont man-*National Savings* – Numru TB 6736000 l-ahhar ammont imsemmi huwa dak ta' stg 4,000;

(d) L-ammont fl-intier teghu li hemm depozitat fl-*Instant Access Savings Account* Numru 41330748 mizmuma ma' l-HSBC UK li kien fadal fih stg 2.22.

(e) Il-garaxx gewwa St. Joseph Street, San Gwann;

Illi minn naha l-ohra din il-Qorti qed tassenja lill-konvenut bhala sehmu mill-komunjoni ta' l-akkwisti:-

(a) Nofs kull ammont li hemm mizmum fil-kont man-National Savings – Capital Bonds – Numru 20265573 li fid-9 ta' Gunju 2003 kien fih stg. 151,104.25;

(b) L-ammont intier li hemm depozitat fil-kont numru 01440169049 tat-tip *savings* mizmum mill-Lombard Bank u f'din l-assenjazzjoni din il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni l-ammonti li gew irtirati mill-konvenut tant li fis-27 ta' Lulju 2001 kien hemm depozitati mat-tlett elef, seba' mija u wiehed u erbghin lira Maltija (Lm3,741) u llum hemm ferm anqas, flus li gew irtirati mill-konvenut;

(c) Il-kirja tad-dar matrimonjali *stante* li l-konvenut baqa' fil-pussess ta' l-istess dar;

(d) L-ghamara u l-oggetti kollha li hemm fl-istess dar bl-eccezzjoni ta' l-oggetti indikati fid-Dok. "AM 1" a fol. 37 tal-process li huma parafernali ta' l-attrici u ghalhekk din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jikkonsenjhom lill-attrici fir-residenza taghha.

(e) Il-vettura tat-tip Escort Reg. No. EAP 963.

Illi l-arrangamenti u l-ispostamenti li saru f'din id-decizjoni li jvarjaw minn kif l-istess divizjoni saret mill-perit legali hija ntiza sabiex din il-Qorti tirrimedja ghan-nuqqasijet li hemm indikati fid-divizjoni proposta mill-perit legali *stante* li l-istess perit legali ma hax in konsiderazzjoni li l-kont HSBC Numru 81333941 kien registrat fuq il-konvenut biss u kien hemm ammonti ikbar minn dawk indikati mil-perit legali fir-relazzjoni tieghu, depozitati fl-istess kont, kif sewwa sostniet l-istess attrici fin-nota ta' osservazjonijiet taghha

tat-2 ta' Awissu 2004. Illi ghalhekk dan il-kont thalla f'isem il-konvenut, filwaqt li minflok l-attrici giet assenjata il-kont kollu man-National Savings Numru TB702700.

Illi din il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li l-istess konvenut utilizza l-kont mal-Lombard Bank li kellu mat-tlett elef, seba' mija u wiehed u ernghin lira Maltija (Lm3,741) ghall-iskopijiet tieghu u wkoll in-nota ta' l-attrici datata 26 ta' Ottubru 2004 u ghalhekk l-attrici giet assenjata wkoll l-imsemmi *garage*.

Illi mill-bqija din il-Qorti thoss li l-allegazzjonijiet vantati mill-konvenut anke fin-nota ta' osservazzjonijiet huma insostenibbli.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut** inkwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, u **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba htija jew htijiet imputabbli lill-konvenut u dan *stante* li l-istess konvenut huwa hati *verso* l-attrici ta' eccessi u mohqrija tant li l-hajja konjugali ta' bejniethom saret impossibbli u ghalhekk tawtorizza lill-attrici tghix separata minn zewgha;

2. u 3. Tilqa' t-tieni u t-tielet talba attrici b'dan li tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet b'effett mid-data ta' din is-sentenza u tordna d-divizjoni u l-assenjazzjoni ta' l-istess komunjoni ta' l-akkwisti *arbitro boni viri* bil-mod segwenti:-

Tassenja lill-attrici bhala sehema mill-istess komunjoni s-segwenti:-

(a) Nofs kull ammont li hemm mizmum fil-kont man-*National Savings – Capital Bonds* – Numru 20265573 li fid-9 ta' Gunju 2003 kien fih stg. 151,104.25;

(b) L-ammont kollu ezistenti fil-kont man-*National Savings* Numru TB702700 li kien fih zgur stg 25,000;

(c) Kull ammont depozitat fil-kont man-*National Savings* – Numru TB 6736000 l-ahhar ammont imsemmi huwa dak ta' stg 4,000;

(d) L-ammont fl-intier teghu li hemm depozitat fl-*Instant Access Savings Account* Numru 41330748 mizmuma ma' l-HSBC UK li kien fadal fih stg 2.22.

(e) Il-garaxx gewwa St. Joseph Street, San Gwann.

Illi minn naha l-ohra din il-Qorti qed tassenja lill-konvenut bhala s-sehem tieghu mill-komunjoni ta' l-akkwisti:-

(a) Nofs kull ammont li hemm mizmum fil-kont man-*National Savings – Capital Bonds* – Numru 20265573 li fid-9 ta' Gunju 2003 kien fih stg. 151,104.25;

(b) L-ammont intier li hemm depozitat fil-kont numru 01440169049 tat-tip *savings* mizmum mill-Lombard Bank u f'din l-assenjazzjoni din il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni l-ammonti li gew irtirati mill-konvenut tant li fis-27 ta' Lulju 2001 kien hemm depozitati mat-tlett elef, seba' mija u wiehed u erbghin lira Maltija (Lm3,741) u llum hemm ferm anqas, flus li gew irtirati mill-konvenut;

(b) Il-kirja tad-dar matrimonjali *stante* li l-konvenut baqa' fil-pussess ta' l-istess dar;

(c) L-ghamara u l-oggetti kollha li hemm fl-istess dar bl-eccezzjoni ta' l-oggetti ndikati fid-Dok. "AM1" a fol. 37 tal-process li huma parafernali ta' l-attrici, u ghalhekk ghandhom jigu moghtija mill-konvenut lill-attrici.

(d) Il-vettura tat-tip Escort Reg. No. EAP 963.

Illi din il-Qorti kosistentement ma' dak fuq indikat tiddikjara li l-mobbli indikati fid-Dokument "AM1" a fol. 37 tal-process huma parafernali ghall-attrici u ghalhekk tordna li

l-konvenut jkkonsenja lill-attrici l-istess mobbli fi zmien qasir u perentorju ta’ ghoxrin gurnata (20) mid-data ta’ din is-sentenza.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------